



**Brussell, 25 ta' Marzu 2022**

**6731/22**

**INST 49  
ECOFIN 202**

**NOTA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KAPIJIET ta' STAT jew ta' GVERN tal-Partijiet Kontraenti għat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja li l-munita tagħhom hija l-euro li taħtar il-President tas-Summit taż-Żona tal-Euro

---

**DEĊIŻJONI TAL-KAPIJIET ta' STAT jew ta' GVERN**

**tal-Partijiet Kontraenti għat-Trattat dwar l-Istabbiltà,  
il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja  
li l-munita tagħhom hija l-euro**

**ta' ...**

**li taħtar il-President tas-Summit taż-Żona tal-Euro**

IL-KAPIJIET ta' STAT jew ta' GVERN tal-Partijiet Kontraenti għat-Trattat dwar l-Istabbiltà,  
il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja li l-munita tagħhom hija l-euro,  
Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni  
Ekonomika u Monetarja, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 12 tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja jipprevedi li l-President tas-Summit taż-Żona tal-Euro għandu jinħatar mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Partijiet Kontraenti li l-munita tagħhom hija l-euro permezz ta' maġġoranza sempliċi fl-istess żmien li l-Kunsill Ewropew jeleġġi l-President tiegħu u għall-istess mandat.
- (2) Fit-2 ta' Lulju 2019, is-Sur Charles MICHEL inħatar President tas-Summit taż-Żona tal-Euro għall-perijodu mill-1 ta' Diċembru 2019 sal-31 ta' Mejju 2022.
- (3) Il-Kunsill Ewropew ħatar mill-ġdid il-President tiegħu fil-laqgħa tiegħu tal-24 ta' Marzu 2022.
- (4) Jenħtieġ li jinħatar President tas-Summit taż-Żona tal-Euro,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu Waħdieni*

Is-Sur Charles MICHEL huwa b'dan maħtur mill-ġdid bħala President tas-Summit taż-Żona tal-Euro għall-perijodu mill-1 ta' Ġunju 2022 sat-30 ta' Novembru 2024.

---